MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Avviz Numru. 404/2010

**Anthony Zammit**

**Vs**

**Awtorita ghat-Tasport f'Malta (Transport Malta)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors pprezentat mir-rikorrenti nhar l-14 ta' Ottubru 2010 fejn espona s-segwenti:-

"1. *Illi huwa gie notifikat bl-ittra ufficcjali nurmu 4013/2010 datata 23 ta' Settembru 2010 mibghuta mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta) a tenur ta' l-artikolu 57 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-waqt li saret referenza ghall-fatt li l-licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni ABH 165 kienet skadiet fl-1 ta' Frar 2003 gie interpellat sabiex fi zmien tletin (30) gurnata min-notifika ihallas is-somma ta' tlett elef, mitejn u sitt Ewro w hamsa u erbghin centesmu (€3,206.45) rapprezentanti drittijiet ta' licenzja dovuta mill-*

*1 ta' Frar 2003 jew altrimenti jibda procedura permezz ta' rikors prezentat kontra l-Awtorita' sabiex joggezzjona ghal din l-Ittra Ufficcjali (Ara Dok A hawn unit).*

*Illi permezz tal-istess Ittra Ufficcjali l-esponent gie imwissi illi ulterjorment illi, a tenur tar-Regolament 14 (4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' vetturi bil-mutur (Avviz Legali 198 tas-sena 2009 kif emendat bl-Att XV tas-sena 2009 (L.D. 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta) sejra tibqa' tigi imposta multa amminsitrattiva ta' zewg Ewro (€2) ghal kull gurnata li d-dritt ghal-licenjza taghha jibqa' mhux imhallas, liema multa amministrattiva bdiet tiddekorri mill-1 ta' Ottubru 2009 u li sal- 31 ta' Awwissu 2010 kienet tammonta ghal sitt mija w tmienja w sittin Ewro (€ 668).*

*Illi l-esponenti jixtieq joggezzjona ghall-avviz moghti lilu permezz tal-imsemmija ittra ufficcjali numru 4013/2010 u dana peress illi l-vettura tieghu targata ABH - 165 kien bieghha lil certu Giovanni Psaila (ID 327231 M) minn B'Kara u nonnostante l-fatt illi l-esponenti insista biex isir it-trasferiment taghha dan irrifjuta, w anzi qabad u ttrasferiha lil certu Karmenu Bugeja. Dan jista' jigi konfermat minn PS 1122 Arthur Rizzo stazzjonat fl-ghassa tal-pulizija ta' B'kara. Dwar dan il-kaz il-Pulizija Esekuttiva anke hadet passi kriminali u l-kaz issa jinsab appuntat ghal nhar il-11 ta' Novembru 2011 quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Seduta tat-Traffiku)."*

Konsegwentement l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti:-
1."*Tiddikjara li l-pjanci tal-vettura targata ABH 165 jinsabu f'idejn certu Giovanni Pisani li qed jirrifjuta illi jaghmel it-trasferiment taghha skond il-ligi.*
*2. Konsegwentement tannulla u thassar l-Avviz moghti lill-esponenti permezz tal-ittra ufficcjali numru 4013/2010 datata 23 ta' Settembru 2010 biex ihallas kemm is-somma ta' €3,206.45 bhala drittijiet tal-licenzja tal-vettura targata ABH 165 mill-1 ta' Jannar 2003 u kif ukoll il-multa amministrattiva ta' zewg Ewro (€2) ghal kull gurnata li d-dritt tal-licenjza ma kienitx imhallsa u li mill-1 ta' Ottubru*

*2009 sal-31 ta' Awwissu 2010 kienet tammonta ghal sitt mija w tmienja w tmenin Ewro (€688).*
*Bl-ispejjez.*"

Rat id-digriet taghha fejn ordnat notifika tar-rikors lil-kontroparti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh.

Rat ir-risposta tal-konvenutipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Novembru 2010 fejn espona s-segwenti:-
1. *" Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.*
*2. Fir-tieni lok, ir-rikorrenti jammetti illi "l-vettura tieghu targata ABH 165 kien bieghha lil certu Giovanni Pisani (ID Numru 327231M) minn B'kara u nonostante l-fatt illi l-esponent insista biex isir it-traferiment taghha dan irrifjuta u anzi qabad u ttrasferiha lil certu Karmenu Bugeja. Dan jista' jigi konfermat minn PS 1122 Arthur Rizzo stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija ta' B'kara".*
*3. F'dan ir-rigward jinghad li l-***artikolu 26** *tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta jrid li tkun sid il-vettura li taghti l-avviz u mhux li sid il-vettura jhalli f'idejn haddiehor biex jaghti l-avviz mehtieg skond il-ligi. Fit-tieni lok, ghalhekk ir-rikorrent qieghed jammetti li huwa ma tax l-avviz rikjest mil-ligi lill-Awtorita' ta' dan il-bejgh kif lanqas ma pprezenta l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh. Ghaldaqstant galadarba r-rikorrenti ma kkonformax ruhhu ma' dak li jghid l-ewwel parti ta l-***artikolu 26** *tal-Kap 65 tal-Ligjiet ta' Malta huwa ghandu "suggetta ghad-dispoisizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura".*
*4. L-istess ma jiswiex il-fatt li itiehdu proceduri kriminali kontra l-individwu li bhalissa ghandu fil-pussess tieghu l-vettura. Fl-ewwel lok, l-arretrati tal-licenjza li qeghdin jintalbu huma ghal perijodu precidenti ghal dawn il-proceduri (u allura qabel anke il-proceduri kriminali imsemmija fir-rikors promoter) u f'kull kaz, l-obbligu huwa tar-rikorrent biex jaghti l-avviz lill-Awtorita' intimat tal-bejgh u l-istess huwa l-obbligu tieghu li jaghti lill-istess Awtorita' ntimata l-licenzja sabiex jitnizzlu l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh fuqha.*

*5. Illi ghalhekk galadarba ma hemm xejn minn dan kollu u gja ladarba l-Awtorita' ntimata ma inghatatx l-avviz rikjest mil-ligi, r-rikorrenti huwa obbligat li jhallas dak dovut minnu skond il-ligi."*

Konsegwentement l-Awtorita' ntimata talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors promoter, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Illi nhar is-7 ta' Frar 2011 semghet lill-**attur** jixhed u jikkonferma li l-vettura ABH 165 hija registrata f'ismu. Spjega illi huwa kien partat zewg vetturi ma' Mario Pisani kif ukoll ma' missieru Giovanni Pisani, billi huwa tahom zewg vetturi u wahda minnhom hija dik mertu tal-kawza odjerna. Qal li wahda minnhom Pisani kien dawwarha fuq ismu billi ghamel it-transfer relattiv, izda llum din ukoll inbieghet, izda l-vettura mertu tar-rikors ghadha f'ismu w dan ghaliex Pisani ma resaqx ghat-transfer.

Huwa ghalhekk kien mar jirraportahom tliet darbiet fl-Ghassa tal-Pulizija ta' B'Kara w fil-fatt in segwitu' ghat-tielet rapport tieghu kienu ttiehdu xi passi kriminali fil-konfront ta' Giovanni Pisani. Jghid li ta' Pisani l-hin kollu jghidulu li kienu ser jaghmlu t-transfer relattiv, ghalkemm dan qatt ma sar. Jghid li llum il-gurnata l-pjanci ta' din il-vettura jinsabu ghand Giovanni Pisani fil-garaxx tieghu. Jghid li sa fejn jaf hu l-vettura llum tinsab skrappjata w fil-fatt huwa esebixxa ritratt li gie mmarkat bhala Dok Z li jindika li l-vettura kulur abjad tinsab ghall-i*scrap*.

Ikkonferma li hemm proceduri fil-konfront ta' Giovanni Psaila w il-kawza tinsab *sub judice* quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Jghid li jaf ukoll li quddiem il-Qorti dan Pisani kien deher u ammetta li kellu fil-pusess teighu in-*number plates* tal-vettura in materja, w in oltre ammetta li kien xtara din il-vettura minghandu. Ikkonferma li huwa kien biegh il-vettura lil dan Pisani fis-sena 2003. Mistoqsi jekk qattx mar ghand l-Awtorita' sabiex ikellimhom fuq dan il-bejgh jghid li mar kemm-il darba w dawn kienu jghidulu

‘ara kif ser tirranga’. Jghid pero’ li qatt ma kien kiteb lill-Awtorita’, dejjem kien imur u jitkellem mal-*Customer Care*.

Illi fid-9 ta’ Marzu 2011 xehed **Giovanni Pisani** w ikkonferma li kien xtara l-vettura ABH 165 minghand l-attur, u dan snin ilu. Jghid li huwa ma kienx ghamel transfer taghha ghaliex bhala dealers dak iz-zmien ma kinux jaghmluh, sabiex jiffrankaw l-ispejjez tat-transfer. Qal li minn dakinhar ‘il quddiem huwa kien biegh din il-vettura lil terza persuna, certu Karmenu Bugeja, izda dan Bugeja qatt m’ghamel it-transfer relattiv. Jghid li l-pjanci tal-vettura in kwisjtoni baqghu ghandu w dan sabiex jevita problemi li jista’ jkun hemm f’kaz li dan Bugeja jsuq il-vettura. Huwa kkonferma li x’sar mill-vettura illum ma jafx.

**PS 1122 Arthur Rizzo** xehed fl-istess jum tad-9 ta’ Marzu 2011 u kkonferma li verament l-attur kien mar ikellmu nhar il-25 ta’ Marzu 2010 u rraporta li xi hames snin qabel kien biegh il- vettura tieghu ABH 165 lil certu Giovanni Pisani w dan ma resaqx biex jaghmel it-transfer relattiv. Huwa jispjega li kien investiga r-rapport li kien ghamel l-attur u sab illi verament fis-sena 2002 l-attur kien biegh il-vettura ABH 165 lil Giovanni Pisani, pero’ rrizultalu wkoll illi dan nonostante, Pisani kien rega’ biegh il-vettura lil terza persuna, certu Karmenu Bugeja, minghajr ma kien ghamel it-transfer relattiv mal-attur. Spejga li huwa kien qal lill-attur li r-respsonabilita’ tal-vettura tibqa’ dejjem ghandu sakemm isir it-transfer relattiv. Qal ukoll li huwa ghamel tentattiv sabiex jipprova jirrintraccja lil dan Bugeja, izda ma rnexxilux.

**Stephen Cachia** ghan-nom ta’ Transport Malta xehed fl-istess jum tad-9 ta’ Marzu 2011 u kkonferma li mill-file relattiv tieghu jirrizulta li l-vettura ABH 165 tghajjat lill-attur Anthony Zammit u ilha tghajjat lilu mis-sena 2002. Jghid li ma jirrizultax minn ezami tal-file li n-*number plates* qatt gew ritornati lill-Awtorita’ w li m’hemm l-ebda notifika li effettivament il-vettura kienet giet trasferita li terz.

Ikkunsidrat.

Illi bhala fatt jirrizulta, anke fuq ammissjoni tar-rikorrent stess li ilu ma jhallas il-licenjza tal-vettura ABH 165 sa mis-sena 2002, meta fil-fehma tieghu kien biegh l-istess vettura lil certu Giovanni Pisani. Illi skond ma qal ir-rikorrenti stess, huwa ma nfurmax lit-Transport Malta dwar dan il-bejgh, u lanqas qatt m'avvicina lill-istess ufficcju sabiex jinfurmahom li huwa kien biegh il-vettura. Jghid pero', w dan hu konfermat minn PS 1122, li huwa kien mar jaghmel rapport lill-Pulizija Esekuttiva, fejn irraporta lil Giovanni Pisani li riedx jersaq biex jaghmel it-transfer relattiv tal-vettura li kien bieghlu. Ir-rikorrenti ressaq bhala xhud lil dan PS 1122 li kkonferma li r-rikorrenti kien stqarr mieghu li zmien ilu kien biegh il-vettura tieghu lil Giovanni Pisani w dan ma riedx jaghmel it-transfer ghaliex qallu li l-vettura m'ghadhiex ghandu w li kien bieghha lil certu Karmenu Bugeja.

Min-naha l-ohra l-Awtorita' ntimata ressqet bhala xhud lil Stephen Cachia in rappresentanza tat-Transport Malta, w dan ikkonferma li mis-7 t'Ottubru 2002 il-vettura kienet registrata f'isem ir-rikorrenti w minn Dicembru 2002 'il quddiem huwa ma hallas l-ebda licenzja fuq din l-istess vettura.

Mistoqsi jekk kienx gie mgharraf b'dan l-allegat bejgh, ix-xhud iwiegeb fin-negattiv u jzid ighid li fil-file relattiv ma kien hemm l-ebda dokument li jindika li kien sar xi bejgh, u kien ghalhekk li maghhom ir-rikorrenti ghadu responsabbli ghall-vettura bhala r-*registered owner* taghha.
Issa skond l-**Artikolu 26** tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta:
"*Kull persuna imsemmija fuq il-licenza bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort'ohra ttrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenza, ghandha taghti avviz lill-Awtorità ta' dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tipprezenta l-licenza sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenza ma tigix ipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa' suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura.*"

Illi ghalhekk stante li r-rikorrenti ghandu f'ismu l-licenzja tal-vettura, dan ifisser li huwa r-*registered owner* taghha mat-Transport Malta, w ghalhekk jibqa' responsabbli ghaliha peress li mal-Awtorita' ma jkun ittrasferixxa l-ebda jedd tieghu.
Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-**Artikolu 57 (1)** tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-
"*Sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenzja relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja rilevanti*."

Illi ghalhekk skond dan l-artikolu tal-ligi sid il-vettura, li f'dan il-kaz huwa ir-rikorrenti, fil-kapacita' tieghu tar-*registered owner,* huwa responsabbli civilment ghall-hlas ta' licenzji w ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas tieghu.

Jinghad pero' li l-Awtorita' ntimata fl-ittra ufficcjali taghha kienet qed titlob biss l-iskadenzi tal-licenzja tal-vettura ABH 165 u mhux il-hlas tal-penali taz-zewg Ewro (€2) kif indikat mir-rikorrenti erronjament fir-rikors promotur tieghu.

**Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, w cioe' billi tiddikjara li l-pjanci tal-vettura ABH 165 ma jinsabux f'idejh izda f'idejn Giovanni Pisani w dan fuq ammissjoni tieghu stess, filwaqt li tichad it-tieni talba tar-rikorrenti, b'dan illi tilqa' l-eccezzjoni tal-Awtorita' ntimata w tordna li l-ittra ufficcjali numru 4013/10 datata 23 ta' Settembru 2010 tigi reza ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap. 65 tal- Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrenti.**

**L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra ufficcjali fuq imsemmija numru 4013/10 giet notifikata lir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------